DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2015/578 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-1 ta' April 2015

li taħtar Imħallfin u Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja waslu biex jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2015. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/336/UE [1] żiedet l-għadd ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għal ħdax, b'effett mis-7 ta' Ottubru 2015,. Il-ħatriet għandhom għalhekk isiru għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021.

(2) Ġie propost li l-mandati tas-Sur Lars BAY LARSEN, is-Sur François BILTGEN, is-Sur Endre JUHÁSZ, is-Sinjura Küllike JÜRIMÄE, is-Sur Siniša RODIN, is-Sur Allan ROSAS, is-Sur Marek SAFJAN u s-Sur Daniel ŠVÁBY għala Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu mġedda. Ġie propost li l-mandati tas-Sinjura Juliane KOKOTT u s-Sinjura Eleanor SHARPSTON għala Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu mġedda. Barra minn hekk, is-Sur Henrik SAUGMANDSGAARD ØE ġie nnominat għall-post ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Il-kumitat stabbilit bl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Lars BAY LARSEN, is-Sur François BILTGEN, is-Sur Endre JUHÁSZ, is-Sinjura Küllike JÜRIMÄE, is-Sur Siniša RODIN, is-Sur Allan ROSAS, is-Sur Marek SAFJAN u s-Sur Daniel ŠVÁBY għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja, u dwar l-idoneità tas-Sinjura Juliane KOKOTT, is-Sinjura Eleanor SHARPSTON u s-Sur Henrik SAUGMANDSGAARD ØE għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura Mħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021:

— is-Sur Lars BAY LARSEN,

— is-Sur François BILTGEN,

— is-Sur Endre JUHÁSZ,

— is-Sinjura Küllike JÜRIMÄE,

— is-Sur Siniša RODIN,

— is-Sur Allan ROSAS,

— is-Sur Marek SAFJAN,

— is-Sur Daniel ŠVÁBY.

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/336/UE tal-25 ta' Ġunju 2013 li żżid l-għadd ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 92).

Artikolu 2

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħtura Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021:

— is-Sinjura Juliane KOKOTT,

— is-Sur Henrik SAUGMANDSGAARD ØE,

— is-Sinjura Eleanor SHARPSTON.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2015.

Il-President

I. JUHANSONE